Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 54
# It-Tlieta 21 ta' Frar 2017

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz, Centru Civiku, Pjazza Menqa, l-Imsida, fil-5.30p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Matthew Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Lino Bartolo – Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Alan Abela Wadge – Kunsillier
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Mangion -Chairperson KAS

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppresediet il-laqgħa.

## 54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

54.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Charles Selvaġġi li kien ukoll ġa għarraf lill-Kunsill li dan se jkun msiefer fil laqgħa 53.

54.1.02 qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa.

54.1.03 Il-Kunsilliera Preżenti aċċettaw l-ittri ta'apoloġiji

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

54.2.01 Il-minuti ta' Seduta Nru 53 ttieħdu bħala moqrija u saru xi korrezzjonijiet.

54.2.02 Il-minuti ġew approvati unanimament.

## 54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

54.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il mejda korrispondenza mir-Reġjun Ċentrali dwar l-ittri Legali rata tal-avukat <dc 54/3/1> u spjegat kif se tintbagħat ittra legali u rata tal-avukat kif għanda titħallas biex jinġabru dawk iċ-ċitazzjonijiet li għadhom pendenti.
il-Viċi Sindku Alex Sciberras qal li hemm bżonn naraw għal liema tip ta' ċitazzjonijiet naqblu li tintbagħat ittra legali għax hemm ħafna antiki.
il-Kunsilliera Preżenti ddiskutew u qablu li għandu issir sforz biex jinġabru dawk iċ-ċitazzjonijiet kollha li jistgħu jinġabru.

54.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il-mejda korrispondenza u pjanta mill-Kunsill ta' studenti tal-G.F. Abela Junior College <dc 54/3/2> u spjegat kif dawn qed jitolbu l-approvazzjoni tal-kunsill biex teħel tinda mal-pilastri tal-Junior College biex toffri kenn għal l-istudenti mit-temp ħażin sakemm ikunu qed jistennew barra.
il-Kunsilliera Preżenti ddiskutew u qablu li sakemm dan il-proġett tat-tinda ikun approvat mill-Awtorità tal-ippjanar, mhux se joħloq l-ebda ostaklu jew inkonvenjent fuq il-bankina u mhux se ssir ħsara lis-sigar. Il-Kunsill tal-istudenti jistgħu jagħmlu il-proġett għas-spejjez tagħhom.

54.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il-mejda r-rapport dwar l-istat ta' Triq is-Sarg <dc 54/3/3> u għarrfet lill- kunsilliera li kif kien diskuss fis-seduta L7-53 dan bagħtitu għall- attenzjoni ta' Trasport Malta.

54.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il-mejda pjanta u permess tal-Awtorità għall-ippjanar. <dc 54/3/4> għall- approvazzjoni tal-kunsill għall-alterazzjoni u tisbieh fi Triq Oscar Zammit k/m Triq John Borg

Il-Kunsilliera Preżenti ddiskutew il-proġett propost u qablu li sakemm dan il-proġett huwa approvat mill-Awtorità tal-ippjanar, awtoritajiet oħra konċernati u bil-kundizzjoni li s-sidien għandhom javżaw u jiddiskutu mal-kunsill fejn hemm bżonn isir ċertu xogħol li jista' jwassal li dan joħloq ostaklu, inkonvinjent jew ħsara fil-bankina u propjetà oħra tal-kunsill.

54.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il- mejda pjanta ta-rotta <dc 54/3/5> u talba mill-Kappillan għal *no objection* biex jagħmel permess tal-Pulizija għal purċissjoni bis-Salib nhar 1 ta' Marzu fil-5 ta'filgħaxija

il-Kunsilliera Preżenti ddiskutew ir-rotta u ma jarawx li jista' jinħoloq problema ta' traffiku sakemm ikun hemm uffiċjali tal-pulizija jieħdu ħsieb u japprovaw li għandha ssir Nota ta' *no objection* .

54.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li waslu żewġt inviti għal quddiesa mill-Kappillan, wieħed għall-okkażjoni f 'għeluq il-150 sena parroċċa u ieħor għall-okkażjoni fejn ser ikun hemm il-President ta' Malta, l-Eċċellenza Marie Louise Coleiro Preca.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsilliera li dawn l-inviti se jagħmel scan u jibgħatu email.

54.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il-mejda pjanti u permess mill-Awtorità tal-ippjanar għall-pletform fi Triq il-Parroċċa.<dc 54/3/7> u għarrfet lilll-kunsill li l-applikant talab lill-kunsill biex jgħolli , jirranġa u jagħmel tibdil fuq il-bankina biex ikun jista' ipoġġi din il-pletform livell.

il-Kunsilliera Preżenti ddiskutew u osservaw li dan il-proġett biex issir hemm bżonn jagħmel ċertu xogħol fuq il-bankina li jista' ma jkunx konformi u joħloq inkonvenjent lill-girien. Minkejja l-applikant għandu l-permessi meħtieġa. Il-kunsill huwa tal-fehma li l-kunsillier Emanuel Brincat u s-Segretarju Eźekuttiv għandhom imorru jiċċekkjaw u jiddiskutu t-tip ta'xogħol li dan għandu pjan jagħmel u fejn hemm bżonn jirranga. L-approvazzjoni tal-kunsill tingħata jekk L-applikant josserva l-istruzzjonijiet mgħoddija lilu.

54.3-.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li l-Każin tal-Banda Melita gie mghazul minn fost il-baned ta' Malta sabiex jgħati numru ta' kunċerti fi Brussell u talbu biex itellgħu magħhom l-istandard tal-kunsill.

Il-Kunsilliera Preżenti ddiskutew u osservaw li l-istandard li hemm huwa qadim u li hemm bżonn jinbidel u ddeċidew li wasal iż-żmien li dan issir ġdid u għandhom jinġabru l-istimi għall-materjal ħalli dan isir. Kien hemm qbil unanimu li l-istandard għandu jiġi ppreżentat wkoll għal din l-okkażjoni.

## 54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ta' tagħrif dwar żviluppi minn punti fis-Seduta Nru 53 u wieġeb għal xi mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

54.4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar l-ittra li intbghatet lill-*NextBike* biex inehhi il-*bike stands* . Is-sur Camilleri talab lil Emanuel Brincat biex jaghmel laqgha mal-Kunsill izda ma bghatx talba bil-miktub.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li xtaqet tiċċara punt fejn kienet qed iddur ix-xniegħa li hi qed taħdem biex dan ma jkunx jista' jopera iżda l-fatti huma li hija waħda mill-kunsilliera li qablu ma’ dan il proġett.

54.4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li fis-seduta preċedenti kellu jivverifika ma' Kunsilli oħra x'għamlu u staqsa lil Ta' Xbiex li taw permess għal *stand* u dan waħħluh iżda miegħu waħhal *stand* ieħor bla permess u issa qed jitolbuh iżarma waqt li
l-Gżira u tas-Sliema tawh permess.

Il-Kunsilliera Preżenti ddiskutew li għalkemm fil-prinċipju il-proġett huwa tajjeb jibqa' il-fatt li *NextBike* ma tawx informazzjoni korretta u seta' tefa’ dell ikrah fuq il-kunsill li ta permess għall-attività kummerċjali llegali. Iżda jekk dan iġib il-permessi neċċessarji biex jopera u jidher ċar li kunsilli oħra taw permess, allura l-kunsill jista' jipprova jiddiskuti u jekk ikun sodisfatt jagħti il-permessi meħtieġa għal perjodu ta' żmien.

54.4.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar ir-rapport finanzjarju. Il-Kopja tar-rapport ġie mgħoddi lid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Lill- Awditur Ġenerali u L-awdituri tal-Kunsill. L-awditjar se jsir fit-13 ta' Marzu

54.4.04 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar xogħolijiet ta'manutenzjoni li kellhom isiru go Skate Park Is-sur John Micallef mar jagħmel verifika u ikkonferma li ix-xogħol sar.

54.4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar abbużi ta' parkeġġ mill-vetturi ta' Titan fejn saret laqgħa it-Tlieta 21 ta' Frar fil- 11:00 am mad-direttur u l-avukat fl-uffiċji ta' Titan. Minn naħa tal- Kunsill Lokali, kien hemm is- Segretarju Eźekuttiv u l-Kunsillier Maurice Agius

54.4.06 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar Il-parkeġġ ta' Triq il-Wied ma’ *Bluecross annimal clinic* , għadna ma' hadniex risposta.

54.4.07 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar il-ħlas dovut mill-Green MT li ntbagħat *statement* ieħor u ittra fejn tlabna biex iħallsu s-somma dovuta sa 28 ta' Frar. Jekk is-somma ma titħallasx se jmexxu bl-avukat.

54.4.08 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar il-*bus shelters.* Għadna ma rajna l-ebda żvilupp. Sar kuntatt ma' Kevin Zahra ta' trasport Malta u qed nistennew risposta

54.4.09 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar abbużi ta' skart. Qed inċemplu l-LESA fejn ikun hemm ħafna rapporti ripetuti go ċertu toroq. L-Uffiċjal responsabbli tal-LESA enforcement avza li ga bdew bir-ronda.

54.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar il-proġett tal-Kunsill Żgħażagħ. Il-kopja tal-Kuntratt iffirmata waslet il-Kunsill flimkien ma' ċekk għan-nofs l-ammont allokat mill-Aġenzija Żgħażagħ.

54.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar servizz jew xiri ta' CCTV kameras li qed jinġabru l-istimi.

54.4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar it-talba ta' ħlas għad-danni mis-Sur Clayton Camilleri għal ħsara li għamel fir-rim, minħabba ħofra, li kienet approvata mill-Kunsill, li dan għadu ma' ġabx ir-riċevuta biex inkunu nistgħu inħallsu.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar it-talba ta' Sur Christopher Saliba li dan għadu ma' ġab xejn bħala prova tal-incident u l-claim ser jingħalaq.

54.4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar il-ħasil tat-tbajja mal-art f'Misraħ San Guzepp li qed jinġabru l-istimi għal xiri ta' magna jew għal servizz ta' ħasil tal-art darbtejn fis-sena biex naraw x' jaqbel. Ġiet diskussa ukoll il-proposta biex naraw jekk nistgħux ninkludu dan is-servizz għal meta jkun hemm bżonn biss mat-tender tal-knis u tindif.

54.4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar sinjali sofor quddiem garaxxijiet mhux użati fi Triq H. Calleja Schembri.Tnehha wieħed u sar parkeġġ quddiem wieħed mill-garaxxijiet msemmija. Is-sid bagħat korrispondenza <dc 54/4/14>fejn qed jgħid li dan il-garaxx qed jintuża mit-tifel tiegħu u qed jitlob li dan jerġa isir kif kien.
Il-Kunsilliera Preżenti ddiskutew u qablu li għandu jerġa jiġi verifikat li dan il-garaxx mhux jintuża jew ma tidħolx karozza fih u jekk hemm bżonn jissejħu il-pulizija.

54.4.15 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar skeda ta' informazzjoni fid-dettal ta' xogħol kollu li hemm bżonn issir fit-toroq biex nieħdu idea ċara ta' kemm tista' tiġi tiswa l-ispiża u nippjanaw sew. Beda xogħol biex niġbru l- informazzjoni ta' dak kollu li hemm fit-toroq permezz ta' inventarju. Dan jinkludi parkeġġ, linji sofor, blu sticker, dawl, bins eċċ.

54.4.16 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar talba ta' *żebra Cross* oħra go Triq Rue D'Argens.Ghad m'hemm l'ebda risposta.

54.4.17 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar il-funtana go Triq Victor Denaro, li din għanda titnaddaf flimkien mal-funtani l-ohra. L-ilma qed jitbattal mill-kuntrattur u jitnaddfu mill-ħaddiema tagħna .

54.4.18 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar ilmenti fuq Triq is-Sarg, li kif ġie kkomunikat qabel tlesta r-rapport mill-perit u ġie mgħoddi lill-Trasport Malta mis-Sindku.

54.4.19 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar Il-Kamera li ġiet installata fejn il-*Bring in Site* go Triq Victor Denaro. Il-*Green Pack* ġa bagħatu xi footage li matul il-ġurnata huma ċari bil-kulur. Mal-lejl dawn huma iswed u abjad iżda ċari wkol.Gie nnotat li hemm bżonn ta' ftit adjustament fl-angolu minħabba n-numru tal-karrozzi. Fadal biss li xi ħadd ikunu jista' jagħrraf in-nies li jistghu jinqabdu fil-fatt mill-kamera.

54.4.20 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar żewġ *payphone stands* li jidher li mhux qed jiġu wżati li l-kumpanija Go mgħarrfa li l-Kunsill approva u li jistgħu jmexxu.

54.4.21 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar ċirkulari 50/2016 mingħand ir-Reġjun Ċentru rigward il-kuntratti tad-dawl, jekk il-Kunsill jaqbilx li dan isir bħala kuntratt wieħed ċentrali mir-Reġjun. Ġie mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Kunsill li dan għandu issir bħala separat mill-Kunsill Lokali l-Imsida.

54.4.22 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar ħlas ta' allowance lill-kunsilliera. Harġet ċirkulari li tirregola l-allowance li intbghatet ukoll lill-kunsilliera. Din tagħti struzzjonijiet lill-Kunsilliera ta' kif għandhom jiktbu lis-Segretarju Eźekuttiv f'każ ta' assenza b' appologija. Kunsilliera li ma jistgħux jattendu minħabba raġuni ta' saħħa jridu jippreżentaw ċertifikat mediku.

54.4.23 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar il-ħofra li qed tikkawża inkonvenjent ta' riħa tinten go Triq il-Prinċipessa Margerita .Qed jiġi vverifikat ta' min hija l-propjetà biex isir kuntatt magħhom ħalli din tiġi mnaddfa.

54.4.24 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar talba biex jibdew isiru lezzjonijiet ta' Drama ġol-binja tal-Kunsill. Ghandu isir avviż biex jeħel go noticeboard u l-kunsill qabel li r-residenti tal-Imsida ikunu b xejn.

54.4.25 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar talba għall-permess mis-Sur Jason Jones biex jagħmel *setup* bħal tas-sena l-oħra fuq il-bankina quddiem il-ħanut tiegħu. Dan ġie l-uffiċju u Segretarju Eźekuttiv spjegalu bil-problema tat-tapit u l-*Bye Law* tar-reklamar. Is-Sur Jones fehem il-problema tat-tapit u ħallas tal-istandard.
Is-Sur Maurice Agius qal li il-*Valentine's Day* għaddiet u dan għadu armat.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wieġeb li s-Sur Jones talbuh biex iżarma l-istandard jew iħallas skond il-Bye Law għal sena u dan qed jikkunsidra jekk dan jagħmilx permess għal sena

54.4.26 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar il-karozzi li qed jgħaddu b'veloċità qawwija go Triq Il-Makna tas-Serrar. Bghatna għall-stima biex teħel *speedsign* ta' 15km

54.4.27 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar talba mill-Kumitat Amministrattiv Swatar biex jeħel arblu tad-dawl go *traffic island* fejn il-*Bring in Site* tas-Swatar. Ġiet ppreparata u saret applikazzjoni għad-dawl mal-Enemalta.

54.4.28 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharaf lill-kunsill dwar id-dokument tat-Tender ta' Gbir ta' Skart u knis li dawn kwazi lesti u jonqos biss li jigi vverifikat in-numru ta' *bins* fir-rotta.Dan qed isir flimkien mal-inventarju tat-toroq. Meta t-tender ikun ppreparat dan ghandu jintbghat lid-DLG biex jigi ccekkjat li huwa korett u wara jitla' *online* permezz tal-ePPS.

54.4.29 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar l-arblu tal-ġostra mitluq f'Misraħ San Guzepp. Il-persuna li tiegħu ħsieb ġiet mitluba biex dan jittneha u li dan avvżat li se jittnehha fl'20 ta'Frar.
Is-Sur Lino Bartolo qal li l-arblu hemm għadu.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wieġeb li ha jerġa jibgħat lis-Sur John Micallef biex jara meta dan l-arblu se jittnehha.

54.4.30 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar tbatijiet ta' għarar li qed ibati sid il-ħanut Queen Ann furniture. Ktibna lill-WaterServices minħabba it-tappieri li qed ifuru ta' spiss. Ġie nnotat li kien qed isir xogħol f'dawn l-ahhar ġranet u vverifikajna li dawn qed jitnaddfu.

54.4.31 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar l-ilma tal-ġibjun dejjem qed jiġi aħdar u l-problema b'riħa ta' drenaġġ. Baghtna *email* lill -*cleansing department* biex jitbattal u jitnaddaf.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk il-kunsill jistax jagħmel devoluzzjoni u b'sħab mal privat jagħmlu parkeġġ.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li hemm pjan biex dan jsir kumpless sportiv
il-Viċi Sindku Alex Sciberras qal li dan kienu ippruvaw jagħmlu devoluzzjoni tiegħu iżda ġie rrifjutat.

Is-Sur  Maurice Agius ippropona li alumenu sakemm isir xi haġa dan għandu jitbattal

54.4.32 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar rapport li Triq Monsinjur D'Andria ġiet magħluqa bla permess biex tinħatt merkanzija tal-BusyBee minn fuq trakk fejn żamm serbut traffiku. Għamilna kuntatt mas-sur Jeffrey Friggieri tal-BusyBee li wiegħed li ser jieħu ħsieb li dan ma jerġax jiġri.

54.4.33 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar bżonn li tiġi deċiża d-data għal meta ser issir il-laqgħa annwali għar-residenti. Din ġiet deċiża li ser ssir fil-21 ta' Marzu.

54.4.34 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-kunsill dwar il-pjan propost ta' *traffic management*  ta' Triq San Alwig. Intbghatu l-ittri lir-residenti tat-toroq imsemmija u daħlu bosta suġġerimenti.
Is-Sur  Maurice Agius qal li ta' Xmiexi ħadd ma ħadhom
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wieġeb li pprepara 550 ittra għal kull residenza li hemm u l-ħaddiema tal-kunsill qassmuhom kollha bieb bieb u dawn ġew mqassma. Meta sema’ li xi ħadd qal li dawn ma waslux avża lill kullħadd li jekk għal li jista' jkun xi ħadd jirċievi lment li dawn ma waslulhomx jinfurmaw lill kunsill u nagħmlulu kopja.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li l-maġġoranza li wieġbu jaqblu u dawk li ma jaqblux ir-raġuni li taw hija minħabba il-wied.
il-Viċi Sindku Alex Sciberras spjega li din hija bi prova u sakemm tkun hekk jista' jiġi analizzat ir-riskju ta' li jista' jinqala.
Is-Sur  Matthew Agius 19:00:00  ingħaqad mal-kunsill.
Is-Sur  Matthew Agius qal li hu ma jaqbilx mal-ittra u lanqas mat- toroq li ntbghatu biss, għax kellhom jiġu inklużi anke r-residenti taz-zona.
Is-Sur  Lino Bartolo fakkar li din ġiet deċiża wara dibattitu u anke konsultazzjoni bejn il-kunsilliera kollha anke kif għandha tkun l-ittra.
il-Kunsilliera  prezenti ddiskutew u qablu li kif kien deċiż qabel li għandha issir il-laqgħa u din għanda tissejjah fil-21 ta' Marzu bejn il- 5:30 pm u  6:30 pm, qabel il-laqgħa Annwali ghar-residenti.Gie deċiż li għandu jkun hemm rappreżentant minn Trasport Malta.

## 54.5 *Items*  oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

54.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ppreżenta fuq il-mejda il-proposti għall-estimi finanzjarji għas-sena 2017 u spjega li dan jirrifletti s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kunsill u maħsub biex bhas-sena ta’ qabel nirranġaw u possibbilment noħorġu miz-zona negattiva.
il-Viċi Sindku Alex Sciberras qal li hemm bżonn inkunu prudenti u naraw għall-liema tip ta xogħol irridu nagħmlu u mil-liema fondi nistgħu nagħmlu użu. Tkellem dwar it-toroq  u l-bankini sa fejn jista' jasal il-kunsill u fejn hemm bżonn nitolbu lill-Trasport Malta.

54.5.02 Is-Sur Maurice Agius ippropona biex niktbu lil tal-ħwienet kollha, għax hawn ħafna *Unloading Bays* mhux kif suppost. Staqsa jekk il-kunsill jistax jagħmel parkeġġ flok Unloading Bay li hemm go Triq it-Tabib Robert Naudi <dc 54.5.02>u aktar 'il fuq fejn ta' Nissan.Talab biex hemm jittnehew it-Tabelli. Semma ukoll li go Triq il-Baċir saret kaxxa safra flok bajda quddiem garaxx li huwa jintuża bħala store.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wieġeb dwar il-marki ta' Triq il Baċir li kien sar żball u ġie rranġat.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu li jekk mhux fejn każi ta' bżonn, ma jsir l-ebda refreshing ta' kaxxi individwali, iżda isiru triq triq u fejn hemm dubju nitolbu lill-Trasport Malta għal verifika.

54.4.03 Is-Sur Maurice Agius qal li fi Triq John Borg hemm *bin* li qed jiġi wżat għal boroż is-suwed u talab biex jinqala' u jeħel aktar 'il fuq viċin l-arja fejn ikun hemm l-istudenti.
Is-Sur Lino Bartolo ppropona biex niktbu lill-Kumpanija li tikri il-*Junior College* fis-sajf, biex jagħmlu *sponsor* għat-tindif, minħabba li dan qed iġib miegħu ħafna attività u skart bin-numru kbir ta' studenti fiz-zona.

54.4.04 Is-Sinjura Romina Galea tkellmet fuq bosta rapporti li jaslulha minn residenta, li hemm abbuż ta' rimi ta' skart fi Triq it-Torri u pproponiet li isiru xi stickers jew tabella biex almenu javżaw lil min qed jabbuża li l-kunsill induna b'dan l-abbuż . Hawn kompliet tispjega li hemm persuna li qed tħalli Van bil-kaxxa li jkun mimli skart u xi nies oħra li imorru jqalbu fih u jieħdu li jgħodd għalihom u jħallu mandra bil-kumplament, apparti r-riħa t'awrina li jkun hemm. Kompliet tispjega li din il-persuna, sid il-van, ir-residenti taz-zona ġieli kellmuh iżda dan ma jgħatix każ.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ha nota tad-dettalji u se jitlob lill-LESA tagħmel xi rondi hemm u jekk ikun hemm bżonn jagħmel rapport lill-pulizija

54.4.05 Is-Sur Maurice Agius ta' dettalji dwar laqgħa mal-*Green Pak* u ta rendikont dwar punti fid-diskussjoni fosthom li hemm pjan biex isir kampanja edukattiva u il-progress qawwi li sar minn meta ttiehdet id-deċiżjoni li skart riċiklat jinġabar darba fil-ġimgha biss. Kompla jispjega li fejn jidħol ġbir ta' ħġieġ, għad m'hemmx riżultati tajba u li l- kumpanija ma tagħmilx sponsor iżda tagħti premju ta' ammont ta' flus li jista' jintuża sa dak l-ammont go xi proġett

Is-Sur Lino Bartolo ta dettalji dwar laqgħa mal GWU dwar il- monument fuq il-post u dawn raw x'jista' isir biex nirranġaw xi problemi fis-sistema tad-dawl u ilma. Ta tgharif li l-ħaddiema għandhom iduru l-funtani tal-monument u se jitwahhlu il-pompi biex dan jitħaddem u jkun jista' jiġi verifikat jekk l-ilma hux jinħela fis-sistema. Semma ukoll li l-GWU ser iwaħħal minflok, *lights* aktar ekonomiċi bi prova u li tinsab f diskussjonijiet biex l-MCAST tinkludi il-monument f'proġett ta' restawr.

54.4.06 Is-Sur  Lino Bartolo staqsa jekk jistax isir xi haġa dwar il-konsum ta’ dawl għoli li qed ikollu l-kunsill minħabba s-servizzi li qed jinghataw fic-centru u ppropona li għandu jizdied il-prezz tal-kiri biex alumenu dan jigi kopert jew isir xoghol fis-suffet biex dan ikun maghluq u ma jhallix li l’ *AC* jibqa jaghti l-hin kollu ghax qed jifrex ma’ kulimkien.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wieġeb li għandu isir xi haġa rigward *timers* li jitfu s-sistema mal-lejl għax ġieli dan jibqa' għaddej mal-lejl. Fejn jidħol iżolar tal-kmamar hemm bżonn issir xi haġa u għandna nitolbu parir.

## 54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

54.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l'Iskeda 6 sa' 8 ta` ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-membri.  Liskeda ġiet approvata unanimament.

## 54.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

54.8.02 Il-laqgħa intemmet fit-8:20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-14 ta' Marzu 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 28 ta'Marzu 2017

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |